MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2008

Citazzjoni Numru. 149/2000/1

Ivan Gauci

vs

Massimo Apap

Il-Qorti,

Ic-citazzjoni tal-attur taqra:

Illi fl-1 ta' Novembru 1998 waqt li kien qieghed isuq vettura bin-numru ta' registrazzjoni TFB-089 minn Triq Sannat, limiti Victoria, Ghawdex, kien involut f'incident awtomobilistiku ma' vettura ohra bin-numru ta' registrazzjoni AAP-486 misjuqa mill-konvenut;

Illi fil-mument tal-incident l-attur kien qieghed isuq fuq in-naha proprja tat-triq u bid-debita prudenza u dan l-incident

sehh unikament minhabba negligenza, imperizja u nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut kif jigi dettaljatament ppruvat fil-kawza;

Illi konsegwenza ta’ dan l-incident l-attur sofra danni ingenti li jinkludu sew danni materjali u kif ukoll telf ta’ qligh futur minhabba debilitazzjoni fizika permanenti;

Illi l-konvenut u l-assikurazzjoni tieghu minkejja diversi interpellazjonijiet sabiex jaddivjenu ghall-likwidazzjoni u hlas tad-danni baqghu inadempienti;

Talbu ghaliex m’ghandhiex il-Qorti:

1. tiddikjara illi l-incident oggett ta’ din il-kawza gara unikament minhabba imperizja, negligenza u nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut li ghalhekk ghandu jwiegeb ghad-danni kollha konsegwentement sofferti mill-attur;
2. tillikwida dawn id-danni;
3. tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur l-ammont hekk likwidat;

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittri interpellatorji spediti fil-15 ta’ Frar 1999 u tal-21 ta’ Lulju 1999 u tal-ittra ufficjali spedita lill-assikurazzjoni kontestwalment ma’ din ic-citazzjoni. Il-konvenut imharrek ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata minnu flimkien mal-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Massimo Apap li eccepixxa:

1. illi l-ewwel talba ghandha tigi michuda ghax ghall-incident in kwistjoni ma kienx jahti l-eccipjenti;
2. illi jsegwi riferibbilment ghat-tieni (recte l-ewwel) talba li m’hemmx danni x’jigu likwidati fil-kofront tal-eccipjenti;

3. illi jsegwi riferibbilment ghat-tielet (recte t-tieni) talba li m'hemm l-ebda kwantum ta' danni li l-konvenuti ghandu jigi kkundannat ihallas lill-attur;
4. salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata flimkien mal-lista tax-xhieda u l-lista tad-dokumenti.

Rat folio 22 il-verbal tan-nomina bhala espert mediku tal-Profs Charles Grixti u folio 31 ir-relazzjoni tieghu debitament mahlufa;

Rat in-nota tal-attur folio 36 (ukoll folio 59) ghan-nomina ta' esperti medici perizjuri;

Rat il-verbal folio 60 dwar in-nomina ta' Dr Ray Gatt, Dr Ivan Esposito u Dr Anthony Bernard sussegwentement dan ta' l-ahhar sostitwit b'Dr Raymond Aquilina bhala esperti medici perizjuri (folio 69) u r-relazzjoni taghhom debitament mahlufa (folio 77 et seq).

Ezaminat ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Ikkonsidrat:

Il-kawza tirrigwarda incident awtomobilistiku li sehh fl-1 ta' Novembru 1998 fi Triq Sannat limiti Victoria, Ghawdex, fil-waqt li z-zewg vetturi kienu qed jinsaqu fl-istess direzzjoni u l-konvenut spicca habat mal-vettura tal-attur li kienet fuq quddiem. Fil-premessi tac-citazzjoni tieghu, ripetuti fid-dikjarazzjoni guramentata tieghu, l-attur jistqarr li konsegwenza l-incident huwa sofra danni ngenti li jinkludu sew danni materjali u kif ukoll telf ta' qliegh futur minhabba debilitazzjoni fizika permanenti.

Jirrizulta mill-atti li xehed l-attur, zewg kollegi tieghu permezz ta' affidavits, u l-Pulizija li ha r-rapport u quddiemu l-partijiet ghamlu d-dikjarazzjoni ossija "statement of facts on a front to rear collision". Ma jirrisulta li gew prodotti ebda xhieda testimonjali ohra b'daqstant li l-konvenut la xehed u lanqas gab xhieda in sostenn tar-responsabilita' ghall-incident. Dan apparti, pero', kien dejjem jinkombi fuq l-attur li jipprova li kien il-konvenut responsabbli ghall-incident u wkoll ghad-danni minnu allegatament sofferti. Da parti tal-konvenut kien f'obbligu li jipprova dak minnu asserit, cjoe' li gie rinfaccjat b'emergenza subitanea kawzata minn manuvra insolita tal-attur u li d-debilita' sofferta mill-attur kienet effett ta' kundizjoni fisika pre-esistenti tal-istess attur.

Issa, fuq l-istregwa tal-provi in atti, kemm jekk testimonjali kif wkoll jekk dokumentarji, li hu rikjest li jkun deciz hu limitat ghal fatt ta' responsabilita' ghall-incident u l-kawza prossima u diretta tad-debilita' billi rigward danni materjali, fis-sens ta' danni sostnuti fil-vettura tal-attur ma saru ebda provi in sostenn tal-istess. Fil-konfront tal-kwistjoni tad-debilita' il-punt in diskussjoni hu jekk hiex, fl-intier jew in parti, dovuta ghall-incident u jekk il-kaz fl-liema percentwali.

Intant, gialadarba hu ppruvat li l-konvenut kien qieghed isegwi l-vettura tal-attur hu l- konvenut li kellhu allura jaccerta ruhhu mill-intenzjonijiet tal-attur, u, apparti li jzomm 'proper look out' izzomm wkoll 'a safe distance' bejn il-vettura tieghu u dik tal-attur. Hu principju assodat fil-gurisprudenza li sewwieq ta' vettura ghandu jsuq b'mod diligenti tali li jkollu l-kontroll shih tal-vettura misjuqa minnu. Konformement ma' dan huwa ghandu l-obbligu li jassikura li s-sewqan tieghu ma jippoggihx f'sitwazzjoni fejn ma jkunx jista' jirrejagixxi b'mod adegwat ghall-emergenza li tista' tinholoq.

Ghalhekk r-responsabilita' shiha ghall-incident ghandu jgorra l-konvenut,

Fir-rigward il-likwidazzjoni tad-danni dawn huma esklussivi ghad-debilitazzjoni fizika sofferta mill-attur. F’dan il-kuntest jirrisulta mir-rapport tal-esperti medici addizjonali (folio 77 et seq) illi r-rizultat tal-X-rays issuggerew li l-attur gja kellu sintomi ta’ problemi fl-ghonq pre-ezistenti ghall-incident pero’ li l-istess incident aggravha l-kundizzjoni. Jirrisulta li dan il-fatt ittiehed in konsiderazzjoni mill-istess periti addizjonali li kkonkludew li kawza l-incident l-attur sofra disabilita’ fizika permanenti ta’ tmienja fil-mija. Dan il-percentagg ta’ disabilita’ gie wkoll iccertifikat mill-ewwel espert mediku nominat il-Profs Charles Grixti. Ic-certifikati medici l-ohra esebiti fil-process (ara folio 17 u 44) huma certifikati medici ‘ex parte’ li jvarjaw sostanzjalment bejnithom fuq dik li hija l-percentwali ta’ disabilita’ u l-Qorti mhiex sejra tiehu konsiderazzjoni taghhom u ser tistrieh fuq dik il-percentwali li l-esperti minnha nominati waslu ghaliha.
Fil-konfront tad-danni materjali jirrizulta skond elenku introdott fix-xhieda guramentata tal-attur, sostanzjata bir-ricevuti, illi dawn jammontaw ghal Lm505.40. Hemm pero’ inkluz ammont ta’ Lm135 li thalsu lill-wiehed mill-avukati tieghu. Fir-rigward ta’ din is-somma l-Qorti qeghdha tasserixxi li dan l-ammont ghandu jigi eskluz billi f’kull kaz l-onorarju dovut hu dak li jigi intaxxat.

Bhala bazi ta’ likwidazzjoni l-Qorti ser tibbaza fuq is-segwenti fatturi: (a) konsiderat l-eta’ tal-attur fiz-zmien l-incident fejn kellhu 50 sena u kunsidrat li l-eta’ pensjonabbli giet estiza ghal 65 sena fuq hajja lavorattiva ta’ 15 il-sena; (b) li ghab-bazi tad-dokument folio 137 l-paga mensili tieghu kienet ser tkun ta’ Lm388.42 (arrodondati ghal Lm350); (c) li d-disabilta’ permanenti li sofra hi f’percentwali ta’ 8%.

A bazi ta’ dawn il-figuri ghalhekk jirrisulta:

- li l-ammont ta’ damnum emergens likwidabbli huwa ta’ Lm375;

- li l-ammont ta' lucrum cessans jittotalizza Lm21,840 arrotondat ghal Lm22,000 li minnhom ghandhu jitnaqqas 20% bhala pagament f'daqqa;
- li t-total likwidat u dovut hu ghalhekk ta' Lm18,000 ekwivalenti ghal 42,000 euros.

Tiddisponi ghalhekk mill-kawza billi taqta' u tiddecidi li:

1. tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li l-incident in meritu gara unikament minhabba imperizja, negligenza u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut;
2. tilqa' t-tieni talba u tillikwida d-danni fl-ammont ta' Lm18,000 ossija 42,000 euros;
3. tilqa' t-tielet talba u tikkundanna lill-konvenut ihallas dan l-ammont lill-attur.

Tikkundanna lill-konvenut ghall-ispejjez tal-kawza kif mitluba.

(ft.) Antonio Micallef Trigona
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur

Addenda:

u b'digriet tat-18 ta' Settembru 2008 l-quantum tad-danni gie ordnat li ghandu jkun ta' erbat elef erba' mija u seba' liri Maltin (Lm4407) ekwivalenti ghal ghaxart elef mitejn u hamsa u sittin euro u hamsa u hamsin centezmu (€10265.55) u mhux kif erronjament indikat originarjament fl-ammont ta' tmintax-il elf lira Maltin (Lm18,000) ekwivalenti ghal tnejn u erbghin elf euro (€42,000).

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------